MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 545/1996/1

**Joanne mart Jesmond Tabone, f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binthom minuri Valentina Tabone u dan b'digriet tal-ghoxrin (20) ta' Frar 1996; U b'digriet tal-15 ta' Gunju 2003 l-attrici giet awtorizzata biex tidher ukoll bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Nicolai Tabone.**

**Vs**

**Jesmond Tabone**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-16 ta' Frar 1996 li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, imputabbli lill-konvenut;

U premess li miz-zwieg taghhom kellhom tifla, Valentina Tabone li twieldet fl-24 ta' April 1995, u tifel Nicolai Tabone li twieled fl-1 ta' Novembru 1997[1];

U premess li ghar-ragunijiet premessi l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f' din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, u dana b'Digriet moghti fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) (Digriet numru 25/96) anness ma' l-att tac-citazzjoni bhala Dok. A;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-konjugi Tabone ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut;

2. Taffida il-kura u kustodja tal-minuri Valentina u Nicolai ahwa Tabone lill-attrici salv dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu ghaliha u ghal binthom minuri Valentina u Nicolai ahwa Tabone retta alimentarja xierqa skond il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha soliti inkluz li l-manteniment jizdied perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-effetti tal-gholi tal-hajja;

4. Tapplika interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-

[1] Zieda awtorizzata bid-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Gunju 2003.

komunjoni ta’ l-akkwisti jigu likwidati u maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, okkorrendo b’ opera ta’ perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni u jiddividiha;

Bl-ispejjez - komprisi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, tal-mandati ta’ sekwestru ipprezentati fis-7 ta’ Dicembru 1995 u fis-26 ta’ Jannar 1996 - kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta’ Novembru 1996 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel ma’ l-ewwel talba attrici limitatament ghad-dikjarazzjoni u pronunzja ta’ separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan peress illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet giet reza impossibbli minhabba sevizji, eccessi, minacci u ingurji gravi u minhabba stat ta’ fatt imputabbli lill-attrici illi gab mieghu inkompatibilita` serju ta’ karattru;

2. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba attrici, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ikun fl-ahjar interess tal-minuri li tigi fdata fil-kura u kustodja ta’ l-eccipjenti, b’ access adegwat ghall-attrici;

3. Illi l-attrici ghadha zghira u hija ferm kapaci illi tahdem u taqla’ l-ghixien taghha, u ghaldaqstant ma hemmx lok ta’ manteniment;

4. Illi, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ma hemmx lok ghall-akkoljiment tar-raba’ talba attrici, stante illi ma jirrikorrux l-estremi tar-rekwiziti legali relattivi;

5. Illi l-hames talba attrici ma hiex opposta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Marzu 1997 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kieth Bonnici biex jigbor il-provi kollha bil-mezzi permessi bil-ligi; kif ukoll dak tad-19 ta’ Jannar 1998 li bih gie sostitwit l-Assistent Gudizzjarju b’ Dr. Kenneth Gulia fl-istess inkarigu;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti pprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha relattivi ghal dan il-process, kif ukoll dawk l-atti annessi mar-rikorsi intavolati mill-konvenut senjatament fil-5 ta’ Ottubru 1999 (deciz fit-18 ta’ April 2001) u fit-23 ta’ Jannar 2001 li qed jigi deciz f’dan l-istess gudizzju;

Ikkonsidrat:-

In materja ta’ separazzjoni personali l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali.  Mill-provi prodotti f’ din l-istanza ma jistghax ikun dubitat illi l-motiv l-aktar saljenti, serju u gravi huwa s-swat subit mill-attrici da parte ta’ zewgha, li jidher li hu ta’ temperament irraxxibbli u jdejh hafifa.  Ara xhieda ta’ l-attrici (fol. 41).  Dan hu demostrat ukoll mill-bosta certifikati medici esebiti (fol. 36 sa fol. 40), ix-xhieda ta’ Marica Sacco (fol. 32) impjegata fid-Domestic Violence Unit tas-Social Welfare Development Programme, u d-deposizzjoni tat-Tabib Anthony Gatt (fol. 68) li rrelata dwar in-natura tal-griehi riskontrati fuq il-persuna ta’ l-attrici;

Billi kif inhu pacifiku kull prova hi ammissibbli jekk logikament rilevanti ghall-fattijiet in kwestjoni bejn il-partijiet (Artikolu 558, Kapitolu 12) hemm ukoll il-prova tal-fedina penali tal-konvenut (fol. 56) esebita mill-Ispettur Piju Pisani (fol. 63). L-inferenzi dezumibbli minn dan id-dokument huma cari u ovvji u jaghmlu prova tal-kondotta tal-konvenut. “Certament prova m’ ghandhiex tigi eskluza semplicement ghax turi illi parti f’ kawza hi ta’ kondotta hazina izda ghandha tigi eskluza jekk ma turi xejn izjed. Meta, anke fil-kriminal, tista’ talvolta tigi ammessa l-prova ta’ kondotta precedenti ta’ l-akkuzat, il-prova ma tkunx il-kondotta hazina in generali ta’ l-akkuzat (hlief meta hu jinvoka l-kondotta tajba tieghu) izda ta’ fatti partikolari li jkollhom xi riferenza logika ghall-fatt addebitat.” – “**Carmelo Calleja *et* –vs- Paolo Mifsud *nomine***”, Appell Kummercjali, 8 ta’ Jannar 1965;

Fil-kaz partikolari l-fedina penali taghmel *inter alia* konferma ta’ l-addebitu tas-swat u tan-nuqqas tal-hlas tal-manteniment;

Ghall-akkuzi lancjati fil-konfront tieghu l-konvenut jirreagixxi billi jeccepixxi illi t-tkissir taz-zwieg sehh bi htija ta’ l-attrici. Lilha jaddebita l-istess ragunijiet u motivi li hi ssostni fil-konfront tieghu. Dan bl-iskop li jikkreja suspett fir-rigward ta’ martu u jillegittima l-attribuzzjoni ghat-tifrik tal-hajja matrimonjali minhabba “inkompatibilita` serju ta’ karattru”. Motivazzjoni din li kieku sostenuta mill-provi setghet isservi bhala konsiderazzjoni ghall-valutazzjoni tal-htija. Eppure il-konvenut baqa’ passiv ghall-ahhar u mhux biss ma gieb l-ebda prova valevoli biex tissostanzja din l-akkuza talli addirittura lanqas indenja ruhu jixhed u joffri d-deposizzjoni tieghu dwarha;

Tibqa’ allura l-akkuza ta’ l-attrici martu, ben sostenuta mill-provi kif fuq manifest. Akkuza gravi ta’ swat u perkossi u l-persistenza ta’ certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien. Tabilhaqq, kif sfortunatament stabbilit f’ bosta kazijiet ohra, l-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex,

kif inghad, “huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb minnha” (“**Genoveffa Magri –vs- Joseph Magri**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000);

Dan premess u stabbilit, ghal dak li jikkoncerna l-manteniment minn dak kaptat mill-atti l-posizzjoni li temergi hi din:-

I. Fid-digriet taghha (fol. 7) is-Sekond’ Awla kienet iffissat rata ta’ alimenti ta’ tletin lira (Lm30) fil-gimgha ossija hmistax-il lira (Lm15) ghall-attrici u hmistax-il lira (Lm15) ghall-bzonnijiet tal-bint minuri Valentina li twieldet fl-24 ta’ April 1995 (fol. 14);

II. Fil-mori tal-kawza u precizament fit-2 ta’ Novembru 1997 (fol. 27) twieled l-iben minuri Nicolai. In vista ta’ dan il-fatt b’ digriet tas-17 ta’ Marzu 1999 (fol. 98) din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet ordnat zieda ta’ ghaxar liri (Lm10) fil-gimgha bhala manteniment fl-interess ta’ dan il-minuri;

III. Fis-27 ta’ Frar 2001 il-konvenut intavola rikors biex il-Qorti tissospendi l-effetti tad-digriet li obbligah jivversa l-manteniment. Dan ghal motiv li hu kien dizokkupat u kien qed jghaddi bl-assistenza socjali ta’ tnejn u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm22.50) fil-gimgha. Dan ir-rikors baqa’ ma giex degretat u ghalhekk ser jigi issa konsiderat fl-ambitu ta’ dan il-gudizzju;

IV. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Mario Ellul, rapprezentant tal-Price Club Operators Ltd, illi fis-27 ta’ Frar 2001 il-konvenut gie impjegat ma’ din is-socjeta` minn fejn spicca minhabba *redundancy* fid-19 ta’ Lulju 2001. Dakinhar il-paga tieghu kienet ta’ sebghin lira (Lm70) fil-gimgha;

V. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut ilu ma jhallas manteniment minn Settembru 1999 (ara nota ta’ l-attrici, fol. 94) jew mill-bidu tas-sena 2000 (ara risposta ta’ l-attrici ghar-rikors tal-konvenut ghas-sospensjoni ta’ l-ordni ta’ l-alimenti);

VI. Il-konvenut stqarr li hu jbati minn ugigh f’dahru, ghaddej kors ta’ tharrig mill-ETC u jinsab jirregistra ghax-xoghol. (Ara xhieda tieghu tas-27 ta’ Settembru 2001 fl-atti tar-rikors ghas-sospensjoni tal-manteniment);

L-osservazzjonijiet li necessarjament jokkorru minn evalwazzjoni tal-provi fuq dan l-aspett huma dawn:-

a) “Id-dizokkupazzjoni mhix motiv biex tehles lir-ragel mill-obbligu ta’ l-alimenti lejn martu, specjalment, imbaghad, meta dik id-dizokkupazzjoni tkun kolpuza” – “**Antonia Mifsud –vs- Alfonso Mifsud**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 26 ta’ Gunju 1954;

b) “hu veru li l-ligi civili ma tisforza lil hadd mill-mizzewgin biex imur jahdem bilfors pero` hu daqstant veru li l-ligi civili timponi fuq l-konjugi l-obbligu li jipprovdu manteniment reciproku lil xulxin u manteniment ghall-ulied. F’adempiment ta’ dan l-obbligu l-konjugi huma mistennija mil-ligi illi jipprovdu l-mezzi, bhala regola mix-xoghol taghhom, biex ma jhallux lil min jiddependi minnhom ghall-manteniment, nieqes mill-bzonnijiet essenzjali ta’ kuljum. Sa kemm wiehed jista’ liberament jikkonsidra li tali obbligu kien ifisser illi min kien obbligat kellu bilfors jipprovdi l-mezzi u konsegwentement kellu bilfors jahdem la ma kellux fondi ohra mnejn jaghmel tajjeb ghal tali obbligu” – “**Joanne Pelham *proprio et nomine* –vs- Keith Pelham**”, Appell, 9 ta’ Novembru 1998;

c) Minn naha l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi prezentement u *rebus sic stantibus*, il-konvenut qieghed jircievi l-minimu ta’ l-assistenza socjali u allura ma kellux mezzi sufficcjenti la biex jghix hu nnifsu u lanqas biex imantni lil haddiehor. Naturalment pero` l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt ta’ l-obbligu vestit mil-ligi fil-konvenut biex anke fl-istat attwali huwa jivversa persentagg minn dak li jippercepixxi. “Persentagg li qed jigi stabbilit in omagg tal-principju li l-parti li tkun hatja fiz-zwieg kellha tipprovdi

ghall-manteniment tal-parti l-ohra" ("**Genoveffa Magri – vs- Joseph Magri**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Fic-cirkostanzi prevalenti ghalhekk il-konvenut ghandu jghaddi lil martu ghaliha u ghall-ulied minuri n-nofs ta' dak li hu jircievi f' beneficcji socjali. Naturalment f' kaz li l-konvenut ikollu impjieg rimunerattiv hu ghandu jibda jhallas manteniment ta' erbghin lira (Lm40) fil-gimgha, Ammont dan li l-konvenut ghandu jibqa' jhallas sakemm jibqa' f' xoghol bi qliegh jew sakemm il-Qorti tiddegreta mod iehor;

Dwar l-access ghall-ulied minuri l-Qorti tinnota dak relatat (fol. 44) u kummentat minn Dr. Helena Tanti Burlo` (fol. 48) u s-social workers Marica Sacco (fol. 32) u Daniela Zerafa (Seduta 22 ta' Mejju 2000) kif ukoll id-digriet ta' dina l-Qorti tat-18 ta' April 2001 (fol. 56). Fic-cirkostanzi, tenut rigward ta' l-interess suprem ta' l-istess minuri, il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li tvarja l-provvediment moghti. Ghal dan il-fini qed taccetta li fl-interess tal-bint minuri Valentina l-konvenut ma ghandux jigi akkordat dritt ta' access dwarha. Il-Qorti tifhem illi din il-minuri ghadha trawmatizzata bl-atti tal-vjolenza kommessi minn missierha u ghalhekk opportunement ghandu jigi evitat lilha cirkostanzi li kapaci jiskattaw din it-trawma psikologika;

Kwantu ghall-minuri iben Nicolai d-dritt ta' l-access ghandu jkun limitat kull nhar ta' Tlieta fic-Centru Hidma Socjali bejn l-erbgha ta' fil-ghaxija u l-hamsa ta' filghaxija purche` taht is-supervizjoni ta' social worker. Il-partijiet huma s' intendi liberi li jiffissaw kull jum iehor li jkun addattat bi ftehim preventivament konkordat mal-kap ta' l-istess Centru Hidma Socjali;

Kwantu ghall-assi tal-komunjoni jidher li dawn jikkonsistu minn effetti mobili li l-konvenut arbitrarjament jistma fl-ammont ta' sitt mitt lira (Lm600), ara Nota tieghu a fol. 45, kont mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' madwar tliet elef lira Maltija (Lm3000) u kont iehor fil-Mid-Med Bank

(Lm1175.19) li l-fondi tieghu gew depozitati mill-Bank fl-atti ta' din il-Qorti (Ara cedola ta' depozitu a fol. 96) u vettura tal-marka Austin 1100 stmata tliet mitt lira (Lm300);

Tenut rigward tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kompriz il-fatt ta' l-ispiza erogata mill-attrici fl-interess ta' l-iben minuri, ammontanti ghal erba' mija u tmien liri Maltin u sebghin centezmu (Lm408.70) (ara deposizzjoni ta' l-attrici a fol. 55), il-Qorti ser tahseb biex tassenja lill-attrici l-ammont depozitat fil-Qorti rapprezentanti l-account tal-Mid-Med Bank Ltd. Dan biex jaghmel tajjeb ukoll ghall-arretrati tal-manteniment. Ser tassenjalha wkoll l-oggetti mobbli ezistenti fil-fond konjugali, proprjeta` parafernali ta' l-istess attrici, kif ukoll in-nofs ta' l-ammont depozitat mal-Bank of Valletta plc. Lill-konvenut ser tassenjali n-nofs l-iehor ta' dan l-istess akkont bankarju kif ukoll il-vettura li gja tinsab fil-pussess tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza u r-rikors ntavolat mill-konvenut fit-23 ta' Jannar 2001 billi fl-ewwel lok tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-htijiet imputabbli lill-konvenut;

Tilqa' t-tieni talba billi taffida l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri lill-attrici b' dan illi lill-konvenut qed jigi rizervat id-dritt ta' l-access fir-rigward biss ta' l-iben minuri Nicolai skond kif aktar 'il fuq spjegat, kompriz il-modalita` ta' l-istess access;

Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut jivversa lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri r-rata ta' alimenti ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha b' dan illi din l-ordni tibqa' in sospensjoni gjaladarba prezentament il-konvenut ma ghandux impjieg bi qliegh. B' danakollu b' effett immedjat hu ghandu jghaddi lill-attrici n-nofs ta' kull beneficcju socjali ricevut minnu minn zmien ghal zmien. Din il-posizzjoni tibqa' vigenti sakemm il-konvenut ma

jkunx qed jaghmel xoghol regolari bi qliegh u jew ma tinbidilx il-posizzjoni finanzjarja tieghu;

Tichad ir-raba’ talba billi ma jidhrilhiex li fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom japplikaw xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili;

Tilqa’ finalment il-hames talba billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ dan li qed tiddividi l-assi ta’ l-istess komunjoni billi tassenja lill-attrici l-fondi tal-Mid-Med Bank depozitati taht l-awtorita` tal-Qorti fl-1 ta’ April 1996 fl-ammont ta’ elf mija hamsa u sebghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm1175.19), oltre n-nofs ta’ l-ammont fl-akkont kongunt mal-Bank of Valletta plc kif ukoll l-oggetti mobili kollha.  Lill-konvenut qed jigi invece assenjat il-vettura tal-marka Austin Morris Numru ta' Registrazzjoni AAA - 965 kif ukoll in-nofs ta’ l-akkont mal-Bank of Valletta plc.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------